**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 27 ta' Frar 2024**

**Kawża Numru: 3**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1209/2023 JVC**

**Zoe Dickerson sive Zoe Giselle Gilbody Dickerson detentriċi tal-Karta tal-Identita' Numru 0422769M**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Zoe Dickerson sive Zoe Giselle Gilbody Dickerson talbet kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrenti twieldet nhar il-21 ta' Ottubru 1969 u dan kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid Numru 4227/1969 kopja ta' liem qed tigi annessa u mmarkata bhala **Dok. A;**

2. Illi b'referenza ghall-ahhar kolonna tal-kopja tac-Certifikat tat-Twelid annessa u mmarkata bhala **Dok.A**, l-"*Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah"* gie indikat bhala 'Zoe';

3. Illi r-rikorrenti kienet sa minn dejjem konsistentament maghrufa, imsejha u tuza l-isem 'Zoe Giselle';

4. Illi iktar minn hekk, b'referenza ghall-kolonna imsejha '*Ismijiet Moghtija',* ic-Certifikat tat-Twelid Malti kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala **Dok.A**, tindika l-ismijiet tar-rikorrenti 'Zoe' u 'Giselle', liema ismijiet kienu uzati mill-istess rikorrenti matul hajjitha kollha. Ghalhekk, huwa car li tezisti diskrepanza bejn l-isem kif indikat fuq ic-Certifikat Malti tat-Twelid u dokumenti ohra versu l-isem kif uzat mir-rikorrenti u li bih dejjem kienet maghrufa;
5. Illi ghandu jinghad ukoll li taht il-kolonna *'Ismijiet Moghtija',* ic-Certifikat Malti tat-Twelid tar-rikorrenti jindika erronjament il-kunjom ta' ommha 'Gilbody' bhala '*Isem Moghti';*

6. Illi di fatti, b'referenza ghall-kolonna li tirrilata mal-*'Isem u Kunjom'* t'omm ir-rikorrenti, jinghad li l-omm giet erronjament indikata bhala mizzewga lil Robert Arthur Dickerson, u cioe missier ir-rikorrenti meta bhala stat ta' fatt iz-zewg genituri tar-rikorrenti izzewgu nhar is-6 ta' Lulju 1973 u b'hekk wara t-twelid tar-rikorrenti (vide kopja tac-certifikat taz-zwieg annessa u mmarkata bhala **Dok.B**). Minn dan ic-certifikat taz-zwieg, huwa evidenti kif Robert Arthur

Dickerson u Brenda Irene Gilbody izzewgu wara t-twelid tar-rikorrenti. Ukoll, ic-certifikat taz-zwieg jindika b'mod car il-kunjom ta' omm ir-rikorrenti i.e. 'Gilbody', liem kunjom huwa wiehed mill-kunjomijiet rikonoxxuti tar-rikorrenti matul hajjitha;

7. Illi ghalhekk, id-dettalji fuq ic-Certifikat Malti tat-Twelid u li jirrilataw ma' omm ir-rikorrenti i.e. il-fatt li hija ma kinitx mizzewga meta r-rikorrenti twieldet, setghet wasslet ghas-sitwazzjoni fejn il-kunjom tal-omm ma giex rifless bhala wiehed mill-kunjomijiet tar-rikorrenti. In fatti, il-kunjom ta' omm ir-rikorrenti i.e. 'Gilbody' gie erronjament indikat bhala '*Ismijiet Moghtija';*

8. Illi ghalhekk ukoll, fuq ic-Certiftikat Malti tat-Twelid tar-Rikorrenti omm ir-rikorrenti trid tigi indikata fil-kolonna '*Isem u Kunjom'* tal-omm bhala 'Brenda Irene Gilbody' u mhux sempliciment 'Brenda Irene';

9. Illi kif evidenzjat f'numru ta' dokumenti ufficjali, l-isem u l-kunjom shih tar-rikorrenti kien sa minn dejjem maghruf u rikonoxxut bhala 'Zoe Giselle Gilbody Dickerson' u mhux kif indikat fuq ic-Certifikat Malti tat-Twelid kopja ta' liem hija annessa bhala **Dok.A.** Dawn id-dokumenti jinkludu l-Permess Residenzjali Taljan, it-*Tessera Sanitaria* u l-*Codice Fiscale*, *Patente di Guide* (Licenzja tas-Sewqan), Ircevuta Annwali tad-Dikjarazzjoni tat-Taxxa u l-*Pensione Liquidata,* u dan kif annessi u spjegati ahjar fl-Affidavit tar-Rikorrenti, hawnhekk anness u mmarkat bhala **Dok.C**;

10. Illi kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dawn il-fatti qed joholqu inkonvinjent u pregudizzju lir-rikorrenti fil-hajja privata u giornaljera taghha, u dan

peress li l-identita' li hija maghrufa biha tvarja mic-Certifikat Malti tat-Twelid;

11. Illi iktar minn hekk, huwa evidenti li c-Certifikat Malti tat-Twelid jinkludi informazzjoni inkorretta li qed tikkawza iktar inkonvinjenza u pregudizzju fuq bazi ta' kuljum;

12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandha l-interess sabiex ssir korrezzjoni fl-atti tal-istat civili taghha ai termini tal-Ligi inkluz l-Artikolu 253 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qieghda titlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

**i) Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti kienet u hija konsistentement maghrufa matul hajjitha huwa 'Zoe Giselle' u mhux 'Zoe';**

**ii) Tordna l-intimat jaghmel korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 4227/1969 tar-rikorrenti b'dana li isem ir-rikorrenti taht il-kolonna** ***"Isem jew ismijiet kif ghandha tissejjah"*** **jaqra 'Zoe Giselle' u mhux 'Zoe' u jsiru l-annotazzjonijiet kollha mehtiega fil-margini tal-istess att tat-twelid ghall-fini ta' tali korrezzjoni u dan inkluz f'kull dokument ufficjali iehor;**

**iii) Tordna l-intimat jaghmel korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 4227/1969 tar-rikorrenti b'dana li l-kunjom tal-applikanta ghandu jigi indikat bhala 'Gilbody Dickerson' minflok 'Dickerson' u jsiru l-annotazzjonijiet kollha mehtiega fil-margini tal-istess**

**att tat-twelid għall-fini ta' tali korrezzjoni u dan inkluż f'kull dokument uffiċjali ieħor;**

**iv) Tordna l-intimat jagħmel korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 4227/1969 tar-rikorrenti b'dana li l-kunjom 'Gilbody' ma għandux jibqa' jiġi indikat taħt il-kolonna '*Ismijiet Mogħtija*';**

**v) Tordna l-intimat jagħmel korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 4227/1969 tar-rikorrenti b'dana li omm ir-rikorrenti ma għandhiex tiġi indikata bħala mart l-imsemmi Robert Arthur taħt il-kolonna "*Isem u Kunjom*" tal-omm;**

**vi) Tordna l-intimat jagħmel korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 4227/1969 tar-rikorrenti b'dana li isem u kunjom omm ir-rikorrenti għandu jiġi indikat bħala 'Brenda Irene Gilbody' u mhux 'Brenda Irene' taħt il-kolonna "*Isem u Kunjom*" tal-omm;**

**vii) Tordna li tali korrezzjonijiet għandhom jsiru mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dan ai termini tal-Liġi inkluż l-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta**

**U dan taħt kull provvediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun, inkluż l-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Bl-ispejjeż. '**

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi jingħad minnufih li d-dettalji li jinsabu fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti innumerat 4227/1969 huma dawk li ġew iddikjarati minn missierha Robert Arthur Dickerson, kif tixhed il-firma tiegħu fuq il-vera kopja tal-att tat-twelid oriġinali li qed tiġi hawn annessa u mmarkata 'Dok. DRP 1', u għalhekk l-iżbalji li tilmenta dwarhom ir-rikorrenti ma jistgħux jiġu attribwiti lid-Direttur intimat;

4. Illi strettament mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent qiegħed jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv li l-provi prodotti jkunu sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi. B'mod partikolari l-esponent jirrileva li r-rikorrenti għandha tipprova li ilha magħrufa bl-isem 'Zoe Giselle' u bil-kunjom 'Gilbody Dickerson' mit-twelid, kif allegat minnha, u mhux minn meta rrikorriet għall-użu ta' xi proċedura uffiċjali estera, bħal *deed poll* fir-Renju Unit. F'każ li jirriżulta li saret xi proċedura uffiċjali estera, ir-rikorrenti għandha tippreżenta d-dokument uffiċjali rispettiv li juri kif seħħ it-tibdil fl-isem u/jew fil-kunjom tagħha;

5. Illi bla ħsara għall-premess, u partikolarment fir-rigward tat-tieni u tat-tielet talba attriċi, l-esponent jirrileva illi huwa responsabbli biss għall-atti tal-istat ċivili, u li għalhekk ma jistax jintalab iwettaq tibdil f'dokumenti uffiċjali oħrajn li mhumiex fil-poter tiegħu;

6. Illi finalment, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u li għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 27 tal-proċess b'dana li l-ewwel eċċezzjoni tad-Direttur intimat ġiet sorvolata.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors ġuramentat flimkien mal-affidavit tar-rikorrenti illi ghal dak li huwa l-affidavit jagħti spjegazzjoni għal fejn ir-rikorrenti tniżżlet bil-kunjom Gilbody fl-isem u mhux fil-kunjom. Jirriżulta wkoll illi

ġewwa l-Ingliterra, kif ukoll ġewwa l-Italja r-rikorrenti hija magħrufa bl-isem Zoe Giselle u bil-kunjom Gilbody Dickerson u dan joħrog minn diversa dokumentazzjoni uffiċjali taż-żewġ pajjiżi esteri.

Illi mill-provi fl-atti l-Qorti hija sodisfatta illi t-talbiet tar-rikorrenti huma ġustifikati u ser tgħaddi sabiex tilqa' l-istess

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi l-kawża odjerna kif isegwi:

1. Tiċħad l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deċiż;

2. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

3. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta;

4. Tilqa' it-tielet talba kif dedotta;

5. Tilqa' ir-raba', il-hames u s-sitt talba kif dedotti;

6. Tilqa' is-seba' talba limitatament fil-poter tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku intimat;

7. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**8.** Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Frar 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' Frar 2024**